# Il-Ġiżwita Patri Daniel Glavina

## *F'għeluq il-75 sena mill-ħatra ta' Delegat Superjuri*

**Joseph Abela**



Il-Ġiżwita Patri Daniel Glavina twieled fl-Isla u ħa l-edukazzjoni tiegħu fi Sqallija. Huwa ngħaqad mal-Provinċja tas-Soċjetà tal-Ġiżwiti f'Turin fl-1921. Studja l-filosofija fi Chieri ġewwa Turin u kompla bl-istudji tiegħu f'Dublin fl-Irlanda fejn studja t-teoloġija. Tlettax-il sena wara huwa ġie ordnat qassis.

Wara għoxrin sena barra minn Malta huwa rritorna fl-1939. Patri Daniel Glavina kien stazzjonat fil-Knisja ta' Sarrija fil-Furjana. Matul iż-żmien li dam il-Furjana kien l-editur tal-perdjodiku reliġjuż li kien ferm popolari bl-isem ta' Il-Messaġġier Malti tal-Qalb ta' Ġesù li dam jippubblikah għal ħafna snin.



*Patri Daniel Glavina*



*Mons. Giuseppe De Piro*

Sena wara mir-ritorn f'Malta ta' Patri Glavina kien miet ħabta u sabta il-Monsinjur Giuseppe De Piro fl-età ta' ħamsa u ħamsin sena, il-fundatur tas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl. L-Isqof ta' Malta approva formalment it-twaqqif ta' din is-soċjetà fl-14 ta' Novembru 1921. L-Awtoritajiet tal-knisja approvaw l-ewwel regoli ta' din is-soċjetà fit-18 ta' Marzu 1924. Fid-19 ta' Jannar 1973 il-Vatikan irrikonoxxieha bħala Ordni Reliġjuża Pontifiċju taħt il-Kongregazzjoni tal-Evanġelizzazzjoni tal-Ġnus. Din is-soċjetà bagħtet missjunarji f'bosta pajjiżi barranin fosthom l-Etjopja, l-Awstrajla, il-Kanada, l-Istati Uniti u l-Pakistan. L-Arċisqof Mawru Caruana kien għażel lil Patri Glavina u ħatru bħala Delegat Superjur tas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl. Din kienet kariga importanti ħafna li dan il-patri qeda b'tant żelu sal-1948.

Fl-1953, l-Isqof Giuseppe Pace għadda Dar Manresa li tinsab fl-inħawi magħrufa bħala Santa Duminka fir-Rabat Għawdex lill-Komunità tal-Ġiżwiti. Dar Manresa hija post ideali għall-irtiri u fiha veduti mill-isbaħ bħaċ-Ċittadella mdawra bl-iswar massivi, villaġġi, għelieqi u fit-tarf jidher il-baħar Mediterran kaħlani. Din id-dar inbniet fl-1810 madwar kappella u wieħed isib ġonna bil-funtani u għadd ta' siġar taċ-ċitru. Hemm tletin kamra, post għat-talb, librerija speċjalizzata, swali għall-konferenzi u *seminars*. Patri Daniel Glavina nħatar l-ewwel superjur Ġiżwita ta' din id-dar fejn għex u ħadem għal erbgħin sena bla waqfien mill-1953 sal-1994.

L-Isqof t'Għawdex Nikol Cauchi ra l-ħtieġa li l-arkivji tas-Seminarju tal-Isqof t'Għawdex għandhom ikunu riorganizzati. Għal dan il-għan l-Isqof kellu



*Dar Manresa fir-Rabat Għawdex*


L-Isqof Nikol Cauchi


Il-Benedittin Dom Mauro Inguanez

fiduċja b'dan il-proġett f' idejn Patri Glavina. Dan ix-xogħol delikat jew restawr li jieħu ħafna ħin inkluda tindif, tiswija u konservazzjoni ta' dokumenti kif ukoll il-klassifikazzjoni tagħhom fuq linji relattivament moderni. Dan ix-xogħol ta' fejda dam sejjer erbatax-il sena. Hawnhekk ta' min jiftakar f'Senglean ieħor li fl-1947 għamel xogħol simili fil-Biblijoteka ta' Malta u qiegħed nirreferi għal Benedittin Dom Mauro Inguanez.


Kwadru pittura tal-Arċisqof Mawru Caruana li jinsab imdendel fl-Awla Kapitulari tal-Kolleġġjata tal-Isla

Patri Glavina kien attiv tul ħajtu reliġjuża għal tlieta u sebgħin sena sħaħ fi ħdan is-Soċjetà tal-Ġiżwiti. Malmedda taż-żmien huwa ġabar minjiera ta' informazzjoni partikularment dwar l-Istorja tal-Knisja f'Malta b'enfasi fuq l-Istorja tal-Ordni tal-Ġiżwiti f'Malta. Huwa kellu d-don mhux daqshekk komuni li kien jiftakar sal-inqas dettall, kien paċenzjuż u min-natura tiegħu kien bniedem kurjuż jiġifieri kien iħobb jiskopri dan il-qasam u dan kollu kien għenu ferm fir-riċerki tiegħu kemm f'Malta kif ukoll f'pajjiżi barranin.


Il-Curia Generalizia tal-Ġiżwiti f'Ruma

Fl-1976 meta Patri Glavina kien Ruma fil-*Curia Generalizia* tal-Ġiżwiti waqt l-istudju tal-Istorja tal-Ġiżwiti f'Malta li ħadlu ħafna żmien kien qiegħed jikkompila lista tal-biblijografiji tax-xogħlijiet letterarji ippubblikati u mhux ta' sħabu l-Ġiżwiti Maltin sa' mill-1538 sa' żmienu. Għalkemm ġabar ħafna dokumentazzjoni mir-riċerki li għamel huwa ma tantx ippubblika materjal. Wieħed mix-xogħlijiet li ppubblika deher fil-ħarġa tal-1983 f'*Marian Devotions in the Islands of St. Paul: 1600-1800*. Huwa kien ukoll intiż fl-arti u l-opinjoni tiegħu fuq dan is-suġġett kienet rispettata.

Matul il-qagħda tagħhom fl-Isla l-Ġiżwiti taw servizz fejjiedi lin-nies tal-Isla saħansitra fiż-żminijiet diffiċli tal-gwerra.

